**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 180/2025 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 261/2018 )

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlettax ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (13/01/2018) (Certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A) u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (23/01/2025) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Ann Vella Bugeja (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata Dok B);

3. Illi fir-rigward tal-manteniment reciproku, il-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-istess b'mod definittiv;

4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u effettivament ilhom jghixu de facto separati sa minn Marzu tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) kif anke jirrizulta anke mill-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponenti qed tikkonferma l-fatti hawn elenkati bil-gurament taghha, anke permezz tal-affidavit taghha hawn anness u mmarkat Dok C;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet,

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut fejn eċċepixxa:

1. Illi l-Intimat m'hux qiegħed jopponi għad-divorzju ppreżentat fl-atti tar-Rikors indikat mir-Rikorrenti.

2. Illi f'dan l-istadju, m'hemm l-ebda possbilita' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-Partijiet.

3. Illi sal-lum m'hemm l-ebda obligazzjonijiet pendenti bejn il-Partijiet.

4. L-Intimat m'għandux ibgħati l-ebda spejjeż ta' din l-istanza.

Salv linji difensjonali oħra meta, u jekk, permessi mil-liġi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' April 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Jannar 2025 u de facto separate sa minn Marzu tas-sena 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.